

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Awwissu 2022 – Sberbank of Russia vs SRB

(Kawża T-527/22)

(2022/C 441/29)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Sberbank of Russia OAO (Moska, Ir-Russia) (rappreżentanti: D. Rovetta, M. Campa, M. Pirovano, M. Moretto u V. Villante, avukati)

Konvenut: Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRB)

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni (SRB/EES/2022/19) dwar l-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet għal riżoluzzjoni fir-rigward ta' Sberbank Europe AG maħruġa mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni fl-1 ta' Marzu 2022, flimkien mar-Rapport ta' Valutazzjoni 1, maħruġ mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni fis-27 ta' Frar 2022;
- tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-ispejjeż tal-proċeduri.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikkors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikolu 41(2)(c) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.
3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-allegazzjoni ta' żball manifest ta' evalwazzjoni fl-evalwazzjoni globali tal-kundizzjonijiet relatati mal-iskema ta' riżoluzzjoni u ksur tal-Artikoli 6, 14 u 18 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 (¹), kif ukoll ksur tad-dritt fundamentali għall-proprietà u tal-libertà ta' intraprija.

(¹) Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2022 – Polaroid IP vs EUipo – Klimeck (Rappreżentazzjoni ta' kwadru f'rettangolu)

(Kawża T-591/22)

(2022/C 441/30)

Lingwa tar-rikkors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Polaroid IP BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: G. Vos, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Thomas Klimeck (Kevelaer, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprjetarju tat-trade mark kontenjuža: ir-rikorrenti

Trade mark kontenjuža kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea (Rappreżentazzjoni ta' kwadru f'rettangolu) – Trade mark tal-Unjoni Nru 16 217 267

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' ġunju 2022 fil-Każ R 1646/2021-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tibgħat lura l-kawża quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż ta' dan ir-rikors u tikkundanna lil T. Klimeck għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni u l-Bord tal-Appell.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2022 – Sophienwald vs EUIPO – Zalto Glas (SW Sophienwald)

(Kawża T-597/22)

(2022/C 441/31)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Sophienwald AG (Vaduz, il-Liechtenstein) (rappreżentant: J. Hellenbrand avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Zalto Glas GmbH (Gmünd, l-Awstrija)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenjuža: ir-rikorrenti

Trade mark kontenjuža kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Sw Sophienwald – Trade mark tal-Unjoni Nru 13 448 981

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Lulju 2022 fil-Każ R 2113/2021-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż quddiem il-Qorti Ĝeneralij u tal-proċedimenti quddiem l-EUIPO.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 95(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;